MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 254/2008

Kawza fil-lista: 30

**A C**
**vs**
**D C**

**Il-Qorti,**

**Preambolu**.

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici pprezentat fl-10 ta’ Gunju 2008 li permezz tieghu ippremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi fil-15 ta' Dicembru 2000 hija izzewget lil konvenut u l-partijiet kellhom tifla - E li twieldet fid-19 ta' Dicembru 2001

2. Illi l-konvenut rrenda ruhu hati versu l-attrici ta' sevizzi, eccessi u ingurji gravi.

3. Illi z-zwieg bejniethom tkisser irrimedjabilment tort unikament l-istess konvenut.

4. Illi minkejja li saru tentattivi biex jintlahaq ftehim bonarju anki tramite il-procedura ta' medjazzjoni, il-partijiet ma waslu ghall-ebda ftehim u ghalhekk kellha tinghalaq il-rnedjazzjoni.

5. Illi l-esponenti taf b’dawn il-fatti personalment.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti togghobha:

1. Tippronunzja l-firda personali bejn il-konjugi kontendenti minhabba htija unikament da parti tal-konvenut.

2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri E f’idejha b'access ghall-intimat skond kif iffissat minn din l-Onorabbli Qorti.

3. Tordna lill-konvenut ihallas manteniment ghaliha u ghall-minuri skond kif ifissata mill-istess Onorabbli Qorti.

4. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 48, 51, 53 u 54 tal-Kapitolu 16 in toto jew in parte.

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti jigu divizi bejn il-partijiet, okkorendi b'opera ta' perit nominandi sabiex jillikwida l-istess komunjoni.

6. Tawtorizza lill-attrici tabita fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-konvenut.

7. Tawtorizza lill-attrici terga tibda tuza kunjom xbubitha.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri kollha inkorsi mill-attrici kontra l-konvenut ingunta minn issa in subizzjoni. Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Rat il-lista tax-xhieda attrici u l-elenku ta' dokumenti.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut[1] li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi ghalkemm l-esponenti jaqbel illi z-zwieg tkisser irrimedjabbilment u li ghandha tigi pronunzjata l-firda personali, huwa pero' jeccepixxi illi r-ragunijiet ghal dan huma imputabbli unikament ghall-attrici. Dan kollu ser jirrizulta waqt il-kors tal-kawza u kif mitlub mill-eccipjenti fil-kontro-talba tieghu.

2. Illi fir-rigward tat-tieni talba, l-eccipjenti jsostni illi fl-ahjar interess tal-minuri u tenut kont tac-cirkostanzi partikolarissimi tal-kaz odjem hekk kif ser jigu ppruvati u trattati waqt il-kors ta' din il-kawza, il-kura u kustodja tal-minuri ghandhom ikunu f'idejh b'dana illi l-attrici ikollha access dejjem fl-ahjar interess tal-minuri u taht dawk il-kondizzjonijiet u provvedimenti li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha li huma xierqa u opportuni.

3. Illi rigward it-tielet talba , ghal dak li jirrigwarda t-talba ghall-manteniment ta' l-attrici nnifisha, l-eccipjent qed jipproponi talba ghall-dekadenza taghha minn tali dritt fil-kontro-talba li qed tigi pprezentata kontestwalment. Sussidjarjament u minghajr pregudizzju l-eccipjenti jirrileva li fi kwalunkwe kaz, l-attrici ghandha mezzi bizzejjed sabiex tmantni lilha nfisha. Illi ghal dak li jirrigwarda l-manteniment tat-tifla minuri, l-eccipjenti jaqbel ghal tali talba purche l-ammont deciz ikun jirrispekkja l-obbligu impost mil-ligi ugwalment fuq iz-zewg genituri li jmantnu lill-uliedhom skond il-mezzi rispettivi taghhom.

4. Illi r-raba' talba hija opposta stante illi l-eccipjenti qatt ma ta lok ghad-dekadenza mitluba, anzi kienet l-

[1] Fol. 15

attrici, kif inghad li b'ghemilha gabet it-tifrik tal-hajja mizzewwga.

5. Illi l-hames talba ghax-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti u ghall-likwidazzjoni ta' l-istess komunjoni f'zewg porzjonijiet u l-assenjazzjoni ta' wahda minnhom lil kull parti ma humiex opposti b'dana pero' illi ghandu jigi kkunsidrat illi kienet l-istess attrici illi gabet u hija hatja tat-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg.

6. Illi ghar-rigward tas-sitt talba l-esponenti jirrileva illi kienet l-istess attrici li halliet d-dar matrimonjali u llum huwa flimkien mal-minuri bintu E qed jghix flimkien mal-genituri tieghu. Ghalhekk dina it-talba ma treggiex la legalment u lanqas fattwalment.

7. Illi ghar-rigward tas-seba' talba l-esponenti ma ghandu l-ebda l-ebda oggezzjoni sabiex l-attrici terga' tuza kunjom xbubitha.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut li permezz taghha ippremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti zzewwgu fil-15 ta' Dicembru 2000 u minn dan iz-zwieg twieldet E C fid-19 ta' Dicembru 2001.

2. Illi minhabba sevizzi, eccessi, theddid u ngurji gravi da parti ta' l-attrici versu l-konvenut, il-hajja matrimonjali ta' bejniethom ma ghadhiex aktar possibbli.

3. Illi minhabba t-tortijiet imsemmija fil-paragrafu precedenti, l-attrici ddekadiet mid-dritt li tesigi manteniment minghand il-konvenut.

4. Illi minhabba l-imsemmija tortijiet ta' l-attrici ghandhom ikunu applikati kontra taghha d-dekadenzi l-ohra kontemplati fil-Kodici Civili.

5. Illi fl-ahjar interess tal-minuri u tenut kont tac-cirkostanzi partikolarissimi tal-kaz odjem hekk kif ser jirrizultaw waqt il-kors tal-provi u trattazzjoni ta' din il-kawza, il-minuri ghandha tkun taht il-kura u kustodja ta' l-esponenti missierha.

6. Illi l-konvenut jixtieq li l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejnu u bejn martu tigi xjolta u likwidata bl-applikazzjoni kontra l-attrici tad-dispozizzjonijiet kontemplati fl-artikolu 48 et seq tal-Kodici Civili.

7. Illi l-konvenut qed jistitwixxi din l-istanza bis-sahha ta' l-awtorizzazzjoni ottenuta minn martu fis-6 ta' Gunju 2008.

Tghid ghalhekk l-istess attrici rikonvenzjonata ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:-
1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-attrici minhabba sevizzi, eccessi, rninacci u ingurji gravi kommessi rnill-attrici kontra zewgha.

2. Tiddikjara illi l-attrici iddekadiet mid-dritt illi tircievi manteniment minghand il- konvenut.

3. Tassenja il-kura u kustodja tal-minuri E C lill-konvenut u jigi ffissat access lill-attrici u dana taht dawk il-provvediment kollha li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni tenut kont ic-cirkostanzi partikolarissirni tal-kaz odjern l-ahjar interess tal-minuri.

4. Tapplika kontra l-attrici l-effetti kollha ta' l-artikolu 48 et seq tal-Kapitolu 16 tal- Ligijiet ta' Malta.

5. Tittermina u tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti u kull komunjoni ta' proprjeta ezistenti bejn il-kontendenti, u tordna li l-oggetti mobbli u immobbli hekk appartnenti komummunament lill-kontendenti jigu maqsuma f’zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti in vista, inter alia, tal-pretensjonijjiet parafernali tal-konvenut likwidati hekk kif

mitlub aktar l'isfel fdan l-att, tad-dati ta' l-akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess komunjoni u tad-data stabbilita minn dina l-Onorabbli Qorti bhala d-data meta l-istess attrici ghandha tkun ikkonsidrata li minnha kienet hatja tal-firda, liema porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut, billi okkorrendo ghall-finijiet ta' dina t-talba jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba, jipproponu pjan ta' divizjoni, nutar biex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

6. Tikkundanna lill-attrici tikkonsenja lill-konvneut l-beni kollha partikolari ossija parafernali tieghu li jinsabu fil-pussess taghha jew altrimenti huma goduti minnha.

7. Tillikwida l-pretensjoni parafemali tal-konvenut kontra l-komunjoni ta' l-akkwisti u tordna lill-attrici thallas is-somom hekk kif likwidati anke billi ghall-fini ta' dina t-talba l-krediti tal-konvenut hekk eventwalment likwidati jigu inkorporati fl-iskema tad-divizjoni tal-gid komuni tal-kontendenti.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta rikonvenzjonanti.

Rat ir-rispota guramentata tal-attrici ghat-talbiet rikonvenzjonali li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

1. Illi l-ewwel talba kif kontenuta fil-kontro-talba ghandha tigi milqugha in kwantu ghat-talba ghal separazzjoni u michuda in kwantu ghall-attribuzzjoni ta ' htija ghas-separazzjoni lir-rikorrenti rikonvenuta.

2. Illi t-tieni talba kif kontenuta fil-kontro-talba ghandha tigi michuda stante illi hija qatt ma rrendiet ruhha hatja ta' komportament li skond il-ligi jwassal ghal dekadiment mid-dritt ta' manteniment.

3. Illi t-tielet talba ghandha tigi michuda in kwantu ghat-talba li l-kura u l-kustodja tal-minuri stante illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri ghandhom jigu fdati f'idejn l-attrici rikonvenzjonata u in kwantu ghat-talba ta' l-access taht supervizjoni stante illi m'hemm l-ebda raguni ghalfejn l-

attrici rikonvenzjonta ghandha tara lil bintha taht supervizjoni.

4. Illi t-tielet talba ghandha tigi michuda stante li l-htija tas-separazzjoni hija unikament tal-konvenut.

5. Illi l-hames talba tal-kontro-talba ghandha tigi milqugha in kwantu ghall-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti u michuda in kwantu ghall-iffissar ta' data minn meta l-attrici ghandha tigi kkonsidrata hatja tal-firda u dana stante illi r-rikorrenti rikonvenzjonata ma rrenditx ruhha hatja tal-firda.

6. Illi s-sitt talba ghandha tigi michuda peress illi l-attrici rikonvezjonata m'ghandha l-ebda beni appartenenti lill-konvenut fil-pussess taghha.

7. Illi s-seba' talba ghandha tigi michuda stante illi l-konvenut m'ghandu l-ebda krediti parafernali kontra l-komunjoni ta' l-akkwisti.

8. L-attrici rikonvezjonata m'ghandha l-ebda oggezzjoni ghat-tmien talba.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut rikonvenjent.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici rikonvenzjonata.

Rat li fl-udjenza tat-22 ta' Marzu 2013 il-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza prevja skambju ta' noti ta' osservazzjonijiet.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut tal-25 ta' April 2013.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut.[2]

Rat l-atti kollha.

---

[2] Fol. 190

**Konsiderazzjonijiet**.

Illi fl-udjenza tal-14 ta' Frar 2013 il-partijiet informaw lill-Qorti illi kienu lahqu ftehim pero' xorta talbu li s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet tigi pronunzjata permezz ta' sentenza gudizzjarja minflok permezz tal-pubblikazzjoni ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali.u dan ghal ragunijiet referibbli ghas-sitwazzjoni finanzjarja tal-partijiet.

Fl-udjenza tat-22 ta' Marzu 2013 il-partijiet ipprezentaw nota kongunta bit-termini li dwarhom kien hemm qbil u b'indikazzjoni dwar il-punti ta' divergenza li l-partijiet baqghu ma lahqux ftehim dwarhom u ghalhekk talbu sentenza li tinkorpora sew decizjoni fir-rigward tal-ftehim, sew decizjoni fir-rigward ta' dak li dwaru m'hemmx qbil.

Permezz tan-nota konguntiva[3] l-partijiet iddikjaraw illi m'hemm l-ebda assi formanti l-komunjoni tal-akkwisti x'jigu divizi. Ghaldaqstant filwaqt li l-Qorti ser ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti ta' bejn il-partijiet ser tiddikjara illi b'hemmx assi x'jigu likwidati.

Fil-rigward tal-kura u kustodja tal-minuri, hemm qbil bejn il-partijiet illi din ghandha tigi affidata lill-konvenut filwaqt li l-attrici tezercita access supervizzjonat mill-Agenzija Appogg a favur il-minuri skond il-modalita' li minn zmien ghal zmien tigi stabbilita mill-Agenzija Appogg b'konsultazzjoni mal-attrici. Il-Qorti ser tipprovdi dwar il-konsegwenzi jekk l-attrici tonqos milli tezercita l-access lilha akkordat minghajr ma taghti pre-avviz.

Hemm qbil ukoll illi l-attrici ma thallasx lill-attur xi forma ta' manteniment ghall-minuri.

Filwaqt li hemm qbil li d-dhul tal-konvenut huwa wiehed minimu, hija kontestata l-pretensjoni tal-attrici ghall-manteniment ghaliha u ghalhekk huwa mehtieg li dan l-aspett tal-vertenza jigi trattat u deciz.

---

[3] Fol. 189

Ikkonsidrat;

Jirrizulta illi d-dhul tal-konvenut huwa ta' cirka tlett mitt ewro (€300) kull gimaghtejn. Jispjega s-sitwazzjoni finanzjarja tieghu bhala li jaqlaghha u jiekolha anke ghaliex il-htigijiet kollha tal-minuri jiehu hsieb kollox hu. Ma jirrizultax xi dhul ghandha l-attrici pero' mill-verbal tal-udjenza tal-4 ta' Marzu 2010[4] jirrizulta illi l-attrici kienet ghadha kemm giet rilaxxjata mill-isptar Monte Carmeli u li ma kelliex impieg. Dan l-istat ta' fatt kien wassal lill-Qorti sabiex tidderiegi lill-Agenzija Appogg tikkonduci s-supervizzjoni waqt l-access tal-minuri minghajr hlas.

Fic-cirkostanzi, tenut kont tal-fatt tad-dhul minimu li ghandu l-konvenut, tenut kont ukoll tal-fatt illi l-konvenut qed jiehu hsieb wahdu ghall-htigijiet kollha tal-minuri, il-Qorti tikkonkludi illi l-konvenut m'ghandux mezzi biex ikun jista' wkoll imantni lill-attrici.

Dwar ir-responsabbilta' ghat-tkissir taz-zwieg ta' bejn il-partijiet, il-Qorti ezaminat il-provi migjuba miz-zewg partijiet u hi tal-fehma illi ghat-tkissir taz-zwieg ikkontribwew it-tnejn li huma. Tenut kont illi l-partijiet iddikjaraw li m'hemmex assi tal-komunjoni x'jigu divizi mhux il-kaz li jigu applikati is-sanzjonijiet kontemplati fl-artikoli 48, 51 u 54 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza, sew it-talbiet attrici kif ukolli it-talbiet rikonvenzjonali billi:-

1. Tippronunzja l-firda personali bejn il-partijiet u tiddikjara li z-zewg partijiet ikkontribwew ghat-tkissir taz-zwieg taghhom.

2. Takkorda l-kura u kustodja tal-minuri E f'idejn il-konvenut D C b'dan illi tirrisjedi mieghu filwaqt li l-attrici

[4] Fol. 144

jkollha dritt ta’ access supervizzjonat mill-Agenzija Appogg bil-mod illi l-istess Agenzija tistabbilixxi minn zmien ghal zmien b’konsultazzjoni mal-partijiet. Il-Qorti tordna illi f’kaz li l-attrici tonqos ghal darbtejn f’temp ta’ sitt xhur milli tattendi ghall-access minghajr ebda raguni valida, l-access jigi sospiz u l-kaz ghandu jigi riferut ghall-konsiderazzjoni tal-Qorti.

3. Tiddikjara illi z-zewg partijiet iddekadew mid-dritt illi jitolbu manteniment minghand xulxin.

4. Tichad it-talbiet tal-partijiet sabiex jigu applikati fil-konfront ta’ xulxin id-disposizzjonijiet tal-artikoli 48 et seq. tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tastjeni milli tillikwida l-istess in kwantu z-zewg partijiet iddikajraw illi l-ebda assi ma hemm li jappartjenu l-komunjoni tal-akkwisti.

6. Tawtorizza lill-attrici tabita fid-dar matrimonjali ad eskluzzjoni tal-konvenut.

7. Tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha.

8. Tichad it-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut sabiex l-attrici tigi kkundannata tirritorna xi effetti parafernali in kwantu ma jirrizultaw xejn fl-atti fir-rigward.

9. Tordna li din is-sentenza tigi annotata fir-Registru Pubbliku, senjatament fl-att taz-zwieg tal-partijiet.

Bl-ispejjez bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------